MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Numru. 161/2009

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi James Griffiths detentur tal-Karta tal-Identita` numru 288486 (M).

**Akkuzat talli:**

Fit-22 ta` Awissu, 2008, ghal habta tas-sebgha u kwart ta` filghodu (07:15hrs) fi Triq Tal-Barrani, Zejtun:

1. B’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta` tharris ta` regolamenti, ikkaguna offizi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Raymond Fenech skond kif iccertifika Dr. Jonathan Joslin MD, Reg. 1920, mill-isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAL 138 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-awtorita` dwar it-trasport ta` Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni AAL 138 minghajr ma kien kopert b'polza ta` assigurazzjoni;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAL 138 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

F'kaz ta` htija, il-prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata il-licenzja kollha tieghu tas-sewqan.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet Ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 225, 226 (1) u l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 15 (1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kaza tikkoncerna kollisjoni awtomobilistika li grat gewwa Triq tal-Barrani, L/O Zejtun, fit-22 ta` Awissu 2008. F'dan l-incident, li involva tlett vetturi, Raymond Fenech huwa allegat illi soffra feriti ta` natura gravi bhala konsegwenza diretta tas-sewqan hazin tal-imputat James Griffiths. L-imputat huwa wkoll mixli li saq il-vettura tieghu b'mod bla kont, traskurata u perikoluza kif ukoll li kien qed isuq il-vettura tieghu minghajr ma kellu fil-pussess tieghu licenzja valida tas-sewqan u ghalhekk illi huwa ma kienx kopert b'polza valida ta` assikurazzjoni.

Illi l-ewwel konstatazzjoni li taghmel dina l-Qorti hija li qatt ma saret inkjesta magisterjali ta` din it-“three car collision” mill-Magistrat tal-Ghassa u dan nonostante li kienu weggghu xi nies bhala konsegwenza diretta ta` dan l-incident. Konsegwentement, dina l-Qorti m’ghandiex il-konfort li tistrieh fuq ir-relazzjonijiet teknici illi setghu jaghmlu l-esperti li setghu gew innominati mill-Magistrat Inkwerenti.

Madanakollu, kif irrizulta “il-mekkanika” tal-incident jirrizulta pjuttost carament mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni. Ix-xhieda ta` l-ispettur Priscilla Caruana, Raymond Fenech u Consiglio Busuttil illi huma z-zewg sewwieqa ohra tal-vetturi involuti u l-Pulizija li nvestigaw il-kollisjoni kif ikkonfermata mill-istqarrija tal-imputat jiddiskrivu li waqt li l-imputat kien qed isuq bil-vettura tieghu fuq il-lane ta` barra gewwa Triq tal-Barrani fid-direzzjoni ta` Bir id-Deheb, truck tal-gebel, li dak il-hin kien qieghed isuq ma` genbu fuq il-lane ta` gewwa, iswervja u laqat lill-karozza tal-imputat ghaliex, skond l-imputat, hariglu xi hadd min-naha tax-xellug tieghu. Huwa swervja biex jevitah. Milqut mit-truck, l-imputat saq ghal gewwa c-central strip bil-vettura tieghu “careening” ghan-naha l-ohra tat-triq minn fejn kien gej traffiku fid-direzzjoni opposta. L-imputat dahal bid-dritt gewwa vettura misjuqa minn Raymond Fenech li kien qed isuq fid-direzzjoni ta` Santa Lucija. Dan dahal fuq in-naha ta` wara tat-trailer li kien quddiemu. L-imputat, bis-sahha tad-daqqa rega` qasam is-central strip u rega` gie fil-karreggjata tieghu thares, din id-darba, fid-direzzjoni ta` Santa Lucija. Huwa hawn importanti li l-Qorti tikkonstata illi dak il-hin, skond ma kif xehed Raymond Fenech, huwa ma kienx qieghed ghaddej bi speed izda kien qieghed isuq normali.

Illi waqt li dina l-Qorti m’ghandiex il-konfort ta` relazzjonijiet peritali li misshom inqabbdu mill-Qorti Inkwirenti, il-fatt biss illi, bid-daqqa allegatament ikkawzata mit-truck ta` ma` genb l-imputat fil-vettura tal-

imputat bir-rizultat illi din il-vettura "careened into" ic-central strip u l-karreggjata fid-direzzjoni ta` Santa Lucija, laqtet lil Raymond Fenech u regghet qabzet ic-central strip u spiccat, ghal darba ohra gewwa l-kareggata originali thares fid-direzzjoni ta` Santa Lucija turi illi, b'sahhitha kemm kienet b'sahhitha d-daqqa tat-truck, huwa car illi kien hemm speed kontributorju tal-vettura misjuqa mill-imputat biex il-vettura tieghu taqsam, darbtejn, is-central strip u tispicca thares lejn Santa Lucija. Minhabba dan ir-ragunament, dina l-Qorti qiedgha ssib lill-imputat hati talli saq il-vettura tieghu AAL 138 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

Illi f'dan l-incident, Raymond Fenech, jirrizulta li sofra feriti ta` natura gravi. Dan johrog mix-xhieda ta` Dr. Jonathan Joslin, Dr. Neville Spiteri u Mr. Ivan Esposito, ix-xhieda medika. Ergo, jirrizulta sodisfacentement mix-xhieda prodotta, illi Raymond Fenech soffra dawn il-griehi minhabba n-nuqqas ta` hsieb, traskurazzjoni jew b'nuqqas ta` hila fis-sewqan jew, inkella, b'nuqqas ta` tharis ta` regolamenti.

L-akkuzi ta` nuqqas ta` licenzja valida tas-sewqan u, konsegwentement, nuqqas ta` kopertura, ta` polza, ta` assikurazzjoni gew sodisfacentement ippruvati mix-xhieda relattiva prodotta. Wiehed ghandu biss jaqra x-xhieda taghhom. A tenur tal-Artikolu 15 (1) (a) il-prova li c-certifikat ta` assikurazzjoni esibita tkopri lill-imputat ghandha ssir mill-imputat. Huwa naqas milli jaghmel dan.

Ghalhekk, din il-Qorti qiedgha ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz temmen illi piena karcerarja m'hiex adegwata ghall-imputat. Wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll ic-cirkostanzi finanzjarji tieghu tikkundannah ghall-hlas ta` multa ta` erbgha t'elef u

tlett mitt ewro (€4,300) u tissospendieh milli jkollu licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta` sena (1) mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------